# "GĦAX NIBŻA' JIENA FIL-JUM ĦAŻIN?"

*Tal*-Koll. A. Copperstone

**Salm 47.**

Meta qliel ibħra tħoss inti ma' dwarek,
Imġewħa lpup bis-semm jew tilmaħ ħdejk,
Itturufnat tarak, mhux hieni f'darek,
Ftakar f'Mulejk ħanin iħares lejk.

"Għandi ejjew ilkoll, erwieħ imnikkta,
F'tal-ħajja l-lejl mudlam, fil-jum ħażin:
B'Ismi kbar rwiefen f'waqt bi sliem imsikkta,
Qalbiena ssiru q'tigħ u ferħanin."

Kollox f'idejk, Missier, mn'idna mexxina
F'ibħra daqs iġbla, kif fil-baħar żejt
Inti li għalina b'djun bla qies ġo' fina
F'ilbiesna ġejt, batejt, b'ġid ruħna mlejt.